**15 ta' Ġunju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Arkitett Richard England

*versus*

Aġent Segretarju tad-Djar

**Kanċellament ta' Kawża – Appell minn Digriet – Digriet Interlokutorju – Malleverija – Nullità ta' Appell**

*Digriet li mhux digriet interlokutorju ma jistax jiġi impunjat b'rikors lill-Qorti ta' l-Appell.*

*Mill-banda l-oħra, rikors ta' l-appell minn digriet interlokutorju għandu jkun akkompanjat mill-malleverija skond il-liġi.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors tat-12 ta' Marzu, 1986, li permezz tiegħu l-imsemmi Arkitett Richard England, wara li ppremetta illi l-kawża fl-ismijiet premessi kienet qed tinstema' mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li fl-4 ta' Marzu, 1986, ikkanċellat l-istess kawża minn fuq il-lista u huwa ppreżenta rikors fl-10 ta' Marzu, 1986, sabiex l-istess kawża terġa' titpoġġa fuq il-lista wara li tħallsu l-ispejjeż u d-drittijiet, iżda dan l-aħħar rikors ġie miċħud b'digriet tal-11 ta' Marzu, 1986; illi huwa ħass ruħu aggravat minn dan l-imsemmi digriet, u għalhekk interpona appell quddiem din il-Qorti li ġiet mitluba tirrevoka l-imsemmi digriet tal-11 ta' Marzu, 1986, u tordna li l-atti jkunu rrinvjati mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għas-sentenza fuq il-mertu;

Rat ir-risposta ta' l-Aġent Segretarju tad-Djar li ssottometta illi:

1. Preliminarjament, illi r-rikors ta' l-appell huwa irritu u null peress li d-digriet appellat tal-11 ta' Marzu, 1986 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili m'hux digriet interlokutorju;

2. Subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikors ta' l-appell aktar minn irritu u null huwa

ineżistenti peress li m'hux akkompanjat minn malleverija għall-ispejjeż skond il-liġi;

3. Subordinatament, l-aggravji dedotti fir-rikors ta' l-appell jolqtu l-ordni ta' kanċellament ta' l-ewwel Qorti ta' l-4 ta' Marzu, 1986, li minnu ma hemmx appell u fi kwalunkwe każ kull appell mill-ordni msemmi huwa perent;

4. Fil-mertu, *stante* li ma hemm ebda appell mill-ordni ta' kanċellament ta' l-ewwel Qorti ta' l-4 ta' Marzu, 1986 u *stante* li dak il-kanċellament kien it-tieni wieħed, *in vista* tal-fatt li l-ewwel Qorti kienet ġà ordnat il-kanċellament tal-kawża fis-7 ta' Mejju, 1984, id-digriet ta' l-ewwel Qorti tal-11 ta' Marzu, 1986, li bih ċaħdet it-talba ta' l-appellant għar-riappuntament tal-kawża għat-tieni darba huwa ġust u jimmerita konferma a tenur ta' l-artikolu 197(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi għal kull buon fini l-esponenti jirrileva li fl-1 ta' Novembru, 1985, il-kawża ġiet differita għall-4 ta' Marzu, 1986, għall-provi tar-rikorrent;

Għaldaqstant din il-Qorti għandha tiddikjara null ir-rikors ta' l-appell u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti jew alternattivament tiċħad l-appell u tikkonferma d-digriet appellant ta' l-ewwel Qorti tal-11 ta' Marzu, 1986, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fatt, għad-determinazzjoni ta' dan l-appell ma hemm bżonn ta' l-ebda indaġini dwar jekk id-digriet appellat, ċjoè dak tal-11 ta' Marzu, 1986 (fol. 41 tal-proċess), huwiex jew le digriet interlokutorju;

Infatti, kif anke ġie ripetutament deċiż minn din il-Qorti, fl-ipotesi li dan id-digriet mhux digriet interlokutorju l-proċedura segwitu mill-appellant f'dan il-każ m'hijiex korretta il-għaliex ma jistax jiġi impunjat b'rikors lil din il-Qorti (Vol. XXXII.I.340; XXXVII.I.519); mill-banda l-oħra, jekk huwa digriet interlokutorju, ir-rikors ta' l-appell (li allura kien ikun il-proċedura korretta) kellu jkun akkompanjat mill-malleverija skond il-liġi ("Bennetti *utrinque*", Appell Ċivili, 30 ta' Settembru, 1983) – dak li fil-fatt ma kienx;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiddikjara irritu u null u kwindi inattendibbli l-appell interpost mill-appellat; bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.